MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 749/2013

GO **p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Roderick Debono (K.I. 155680M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf hames mija u sebgha u sittin ewro sebgha u erbghin centezmu (€1567.47) skont l-annessi dokumenti markati Dok A u B, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, telefown, u internet kont numru A/C 40175054, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit- 12 ta' Frar, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf hames mija u sebgha u sittin ewro sebgha u erbghin centezmu (€1567.47) u dan bl-ispejjez u bl-imghax sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------